MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 13/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Albert Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Albert Grech talli fil-Belt Valletta nhar-it 23 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tad-9:30 a.m., volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` medicina liema hsara hija ta' aktar minn Lm500 ghad-dannu ta' Anthony Borg u tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija flimkien mal-piena taplika wkoll il-provvedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap. 9

tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta` ta’ Anthony Borg u tal-familjari tieghu ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Albert Grech hati tal-imputazzjoni kif dedotta u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza. Inoltre peress illi l-hsara giet ikkagunata f’proprjeta` pubblika, ikkundannatu jhallas multa ta’ €1769.04 ekwivalenti ghal Lm759.45. Finalment l-ewwel Qorti wissietu bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Albert Grech ipprezentat fis-26 ta’ Jannar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah bla kundizzjoni minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu bazikament li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal sejbien ta’ htija skond l-imputazzjoni dedotta. Jghid li ma ngabet l-ebda prova li effettivament saret hsara lill-medicina in kwistjoni u lanqas ma ngabet prova dwar il-valur taghha.

L-appellant gie akkuzat bi ksur ta’ l-artikolu 325(1)(a), u cioe` li ghamel hsara volontarja f’ammont ta’ izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69). Il-prosekuzzjoni kellha ghalhekk tipprova li saret tali hsara, li din il-hsara saret volontarjament mill-appellant u li l-valur tal-hsara kien jeccedi l-imsemmija

somma ta’ elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69).

Mill-provi jirrizulta illi certa Rita Borg toqghod fl-istess blokk ta’ appartamenti fejn joqghod l-appellant. It-tifel ta’ Rita Borg jigi provdut medicini mid-Dipartiment tas-Sahha u l-kaxex b’dawn il-medicini jithallew fl-intrata tal-blokk appartamenti mnejn Rita Borg tiehu skond il-bzonn. Peress illi kull konsenja tkun tikkonsisti f’numru konsiderevoli ta’ kaxex, l-appellant beda jsib oggezzjoni li dawn jithallew fl-intrata vicin il-bieb tieghu. Fil-gurnata saret konsenja ta’ madwar erbghin jew hamsin kaxxa u Rita Borg qeghdithom taht it-tarag bhalma kienet solitament taghmel.

Rita Borg xehdet illi mart l-appellant qaltilha li zewgha ma xtaqx illi tqieghdhom hemm. Hi rrimarkat lil mart l-appellant li taht it-tarag hu ta’ kulhadd u mart l-appellant qaltilha li se ccempillu. Fil-fatt ftit tal-hin wara gie l-appellant irrabjat tant li anke kisser hgiega ta’ l-antiporta u beda jghajjat ma’ Rita Borg. Hu qal lil martu ggib il-pitrolju, hi ma riditx u dahal ghalih hu, tefa’ l-pitrolju fuq il-kaxxi u ried itihom in-nar. In kontro-ezami qalet illi l-kaxex kienet tistivahom fuq xulxin taht it-tarag u tqieghdhom fuq pallets u tghattihom. Kienet ilha sentejn u nofs taghmilhom hemm.

L-appellant ma jichadx li tefa’ l-pitrolju. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija jghid illi wara li cemplitlu l-mara u nizel, qal lil Rita Borg biex tnehhi l-kaxex minn fejn kienu, “din irrifjutat jien tfajt il-pitrolju fl-art fejn kien hemm il-kaxxi tal-medicina li kienu fuq pallett.” Mitlub jispjega kif il-kaxxi tal-kartun kienu mimlija pitrolju, wiegeb: “Bil-pitrolju li tfajt jien, naf li xxarrbu xi kaxxi.” Qal ukoll li kien ilu xahar jghid lil Rita Borg tnehhihom minn wara l-bieb tieghu ghax kellhom riha tinten.

Mela m'hemm l-ebda dubju li, bhalma qalet l-ewwel Qorti, l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lill-medicini[1] in kwistjoni. Izda in effetti saret hsara lill-medicina? L-ewwel Qorti qalet illi ghalkemm huwa minnu illi ma tressqitx prova dwar il-grad tal-hsara illi sofriet din il-medicina, "madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi medicina li jkun ntefa' xi likwidu fuqha jew hdejha bhal pitrolju mhijiex tajba biex tigi mehuda mill-pazjent sakemm ma jsirulhiex l-analizijiet kollha mehtiega illi fil-fatt din l-istess medicina ma tkunx assorbiet mis-sustanza li jkun intefa' fuqha." Certament kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tipprova li saret hsara lill-medicina. Sfortunatament mill-provi prodotti ma hemmx l-icken prova li lill-medicina saritilha hsara. Ma ngabitx prova li l-pitrolju ppenetra l-kaxex kif l-anqas ma ngabet prova li l-pitrolju xarrab il-kontenut ta' dawk il-kaxex. Hadd ma ezamina l-kontenut tal-kaxex. Rita Borg tghid li l-appellant tefa' l-pitrolju fuq il-kaxex u li minhabba l-hsara li kien ghamlilha kellha bzonn terga' titlob konsenja ohra ta' medicina. Izda jekk il-kaxex kienu stivati fuq xulxin fuq pallett bhalma spjegat Rita Borg, ma kienx possibbli li l-pitrolju li seta' tefa' l-appellant kien jilhaq il-kaxex kollha. Barra minn hekk hadd mid-Dipartiment tas-Sahha ma ssejjah biex jezamina l-medicina. U Mario Abela, *senior pharmacy technician* fil-*Medical Stores* qal li kellmuh il-Pulizija u Rita Borg izda huwa ma kienx kompetenti biex jghid jekk il-medicina kinitx saritilha hsara, biss hu ma hadhiex lura peress illi ma jehdux lura medicini li jkunu qassmu lill-pazjenti. Gie esebit ritratt wiehed tal-kaxex li kienu jikkontjenu l-medicini, izda l-anqas minn dan ir-ritratt ma jista' jinghad jekk kienx hemm hsara. Anzi minn dan ir-ritratt jidher illi fil-kaz ta' l-ewwel hdax-il kaxxa hemm tlieta biss li jidher li ghandhom tebgha fil-genb taghhom, liema tbajja – jekk gew kawzati mill-pitrolju – ma jurux penetrazzjoni la tal-kontenut ta' dawn il-kaxex u wisq anqas tal-kaxxa shiha. Konsegwentement l-appellant ma setax jinstab hati li kkommetta hsara volontarja izda biss ta' tentattiv sabiex jikkommetti dak ir-reat.

---

[1] Irid jigi sottolineat li mhux il-kaxex kollha kienu jikkontjenu medicina. Mid-Dok. AM1 a fol.12 jirrizulta li f'uhud mill-kaxex kien hemm dextrose u amino acid izda f'ohrajn kien hemm *drainage bag sets* u *transfer sets* u *luer-locks*.

Kwantu ghall-valur tal-medicina in kwistjoni, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant li ma ngabitx prova taghha peress illi gie esebit id-Dok. AM1 a fol. 12 li jelenka l-oggetti konsenjati lil Anthony Borg. Dan id-dokument gie kkonfermat minn Mario Abela[2] u minn Peter Paul Sultana[3] u minnu jirrizulta li l-valur totali kien ta' Lm759.45.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u minflok, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a) u 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tat-tentattiv ta' dik l-imputazzjoni, u cioe` talli fil-Belt Valletta nhar-it 23 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tad-9.30 a.m. bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` li volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` medicina, liema hsara hija ta' aktar minn elf mija erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ghad-dannu ta' Anthony Borg u tal-Gvern ta' Malta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; tirrevokaha in kwantu bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata u in kwantu kkundannatu jhallas multa ta' €1,769.04 ekwivalenti ghal Lm759.45, u minflok bl-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat

---

2 Ara fol. 39.
3 Ara fol. 43.

iehor matul il-perijodu ta’ tmintax-il xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------